MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Numru. 1188/2006

PULIZIJA
SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA
SPETTUR WALTER SPITERI
VS
JOSEPH MEILAQ

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Meilaq, ta' 24 sena, iben Raymond u Nazzarena nee' Cachia, imwieled Pieta' fit-2 ta' Gunju 1982, u residenti Flat Numru 1, Triq il-Folklor, B'Bugia, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 306782(M), u akkuzat talli fit-8 ta' Novembru 2006 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:
(a) iffalsifika biljetti tal-flus, jew mexxa biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' valuta Maltija (Liri Maltin), meta kien jaf li huma falsifikati,

u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kap 9 u Artikolu 45 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragjonevoli, xtara jew ircieva minghand xi persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus ta’ valuta Maltija (Liri Maltin) falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati, u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kap 9 u Artikolu 46 tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(c) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila jew setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b’qerq ta’ inqas minn mitt Lira Maltin (Lm100), ghad-dannu ta’ diversi persuni, u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) u aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom, u dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U b’hekk, l-imputat Joseph Meilaq sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Biss, il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex jekk filwaqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta’ Malta, u ghandha, jekk u skond ma jista’ jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus

lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 49A(3) tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 14).

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza, b’assorbiment tar-raba’ akkuza, u hati tal-hames akkuza, u wara li rat l-Artikoli 18, 28A, 49, 50, 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u l-Artikoli 45 u 46 tal-Kap 204, tikkundannah ghal sena prigunerija sospizi ghal tliet snin. Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammont zghir ta’ flus foloz misjub fil-pussess tal-imputat; il-koperazzjoni pjena tieghu mal-Pulizija fejn l-istess Pulizija hadu proceduri kontra min filfatt kien qed jimmanifattura dawn il-flus foloz; l-eta’ tal-imputat; u l-fatt li jidher li ghandu bzonn kura ta’ natura psikjatrika.

Ghaldaqstant, din il-Qorti, apparti mill-piena fuq inflitta, qed tqieghed lill-imputat taht ‘treatment order’, ghal perjodu ta’ tliet snin jew skond id-direzzjonijiet illi jidhirlu xieraq il-psikjatra nominat, u dan ai termini tal-Artikolu 412D(1)(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’applikazzjoni tal-Artikolu 412C(5)(6). Ghal dan il-ghan,

il-Qorti qed tinnomina lill-psikjatra Dr Joseph Saliba jew psikjatra iehor minnu nominat, sabiex l-imputat ikun jista' jircievi dak it-'treatment' propizju ghalih u ghall-bzonnijiet tieghu.

Il-Qorti, in oltre, ai termini tal-Artikolu 49A(3) tal-Kap 204 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi l-flus foloz jigu konsenjati lil, u distrutti mill-Bank Centrali ta' Malta

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------